**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 12 ta' Lulju 2017**

**App. Nru. 311/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Polidano**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Charles Polidano, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 506259M għan-nom u in rappreżentanza ta' Eco Ways Radam Ltd., quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

(1) fis-16 ta` Settembru 2005 u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data, fl-inħawi ta' Ħal-Kirkop iddepożita radam, skart jew skart perikoluż f'xi sit li mhux sit għar-rimi u dan bi ksur tar-regolament 3 tal-A.L. 128/1997.

(2) fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi iddepożita radam, skart jew skart perikoluż f'xi sit li mhux sit għar-rimi u dan mingħajr ma kellu liċenzja tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u dan bi ksur tar-regolament 4 tal-A.L. 128/1997;

(3) fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi pproduċa skart jew daħal għal xi attivita` fil-maniġġjar ta` skart u ma aġixxiex bi tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ma kellux permess kif inhu meħtieġ bir-regolament 9 ta' l-A.L. 337/2001 reg. 6;

(4) fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi ma ppreveniex milli ssir xi kontravenzjoni minn kull persuna oħra li taħdem fil-produzzjoni u l-maniġġjar ta' skart oriġinalment prodott minnu jew ma żgurax li tali skart ikun maħżun b'mod sigur u mqiegħed għall-ġbir f'kontenitur sigur, jew ma żgurax li tali skart ikun prodottu maniġġjat minn persuna li jkollha permess skond ma jkun japplika l-każ jew qiegħed xi skart f'post fejn ma jiġix immaniġġjat skart u li mhux awtorizzat li jirċievi tali skart bis-saħħa ta' xi permess, u dan bi ksur tar-regolament 7 ta' l-A.L. 337/2001;

(5) fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi naqas milli jikkonforma ma' xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, u dan bi ksur tar-regolament 27 tal-A.L. 337/2001;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ġunju 2013, fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Charles Polidano ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta' Lulju 2013, fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Charles Polidano ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali huwa s-segwenti:

> "Illi fl-20 ta' Gunju 2013 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament manifestament zbaljat u rragjonevoli tal-provi.
>
> "Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti jidher li illiberat lil Charles Polidano mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ghaliex sabet xi forma ta' diskrepanza bejn il-verzjoni tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiza dwar fejn effettivament kellu jintrema l-iskart in kwistjoni. Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti strahet kompletament fuq dak li allegatament xehed il-Perit Bugeja fuq dan il-kaz tant li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti:

“*‘Illi jidher li hemm diskrepanzi serji bejn il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u dak tad-difiza. Waqt illi l-Prosekuzzjoni qeghda tinsisti li ma hemm l-ebda dubju li l-imputat kiser il-ligi talli tefa l-iskart fejn mhux suppost, id-difiza qed tinsisti u, in prova, gabet il-Perit Bugeja li dan l-iskart hija tefghatu f`dak il-post precizament indikat lilu mill-awtoritajiet kompetenti.*

“*‘u dan li jghid il-Perit Bugeja li, fid-dettall minimu spjega dak li ghadda bejnhu, li kienet il-persuna inkarigata min-naha tal-Freeport sabiex jinnegozja mal-awtoritajiet u jiddeterimina fejn ghandu jintrema l-iskart u l-awtoritajiet kompetenti.*

“*‘Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi illiberat ghaliex jirrizulta b`mod car u lampanti li l-iskart intrema mill-imputati ezattament fil-post fejn gie indikat lilu mill-awtoritajiet kompetenti.*

“Illi l-ewwel u qabel kollox l-esponent jirrileva li mhux minnu li xehed il-Perit Bugeja izda jidher li gie ivverbalizzat fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2013 li xehed certu Perit Joe u dan minghajr ma hemm traskrizzjoni ta’ din ix-xhieda. Dan hu nuqqas serju *stante* li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kollha giet traskritta mentri stranament m’ghandniex ix-xhieda traskritta tal-Perit Joe li tant kienet importanti fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tillibera lill-appellat.

“Illi pero` l-esponent jirrileva ukoll li dan il-kaz m’ghandu x’jaqsam xejn mal-Freeport jew ma’ rimi ta’ skart fil-bahar izda jirrigwarda rimi ta’ materjal f’barriera f’Hal-Kirkop. Ghalhekk l-esponent ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-Perit Joe Bugeja meta din il-persuna m’ghandha x’taqsam xejn mal-kaz odjern. Fil-fatt il-Perit Joe Bugeja dak iz-zmien meta sehh il-kaz kien General Manager tal-Freeport u kien involut f`kazijiet ohra li kienu jirrigwardaw strettament rimi illegali ta’ skart fil-bahar u mhux rimi ta’ skart f’barriera.

“Illi fil-fatt l-esponent jargumenta li f`dan il-kaz ma kien hemm l-ebda diskrepanza bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza *stante* li l-prosekuzzjoni gabet provi skjaccanti dwar l-agir illegali tal-appellat. In sostenn ta’ dan hemm ix-xhieda ta’ Aimee Brincat li dak iz-zmien kienet Environment Protection Officer fil-Pollution Control Unit tal-MEPA. Fix-xhieda taghha dan ix-xhud tispjega kif fis-17 t’Awissu 2005 ghamlet spezzjoni fil-barriera in kwistjoni u irrizulta li din il-barriera kienet qed tintela b’hafna materjal mahmug fosthom tankijiet taz-zejt mill-appellat Charles Polidano bhala l-persuna responsabbli tal-kumpanija Eco Waste Radam. Fil-fatt l-istess Aimee Brincat xehdet dwar kif l-appellat inghata diversi drabi l-opportunita` li jirregola ruhu mal-ligi izda hu xorta baqa jitfa r-radam f’din il-barriera b’mod illegali u minghajr permess. Ix-xhud tghid car u tond li l-appellat ma kellux permess ambjentali ghal dan it-tip ta’ *infilling* u fol 58 tghid li *“ir radam baqa’ ghaddej continuously. Li sat-twenty eight, 02, 06 (28.02.06), jigifieri qeghdin nghidu ftit xhur wara, xi four months after, totally landfilled, I mean it is almost a field today...).*

“L-istess Aimee Brincat nhar is-17 ta` Frar 2010 a fol 74 tghid li ‘*din il-barriera intliet minghajr permess ta` l-Ambjent fejn ma tnehhiex il-materjal li ma kienx inert mill-qiegh jigifieri intradam despite in-notices li konna hrigna biex jitnaddaf il-qiegh...*’

> "Illi ghalhekk jidher bic-car li l-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata meta illiberat lill-appellat iktar u iktar meta l-Perit Joe Bugeja m'ghandux x'jaqsam ma' dan il-kaz kif spjegat iktar il-fuq."

**6.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Qabel xejn, pero`, din il-Qorti sejra tikkunsidra xi kwistjonijiet preliminari li tqajmu mid-difiża. Fl-ewwel lok is-sottomissjoni tad-difiża illi, in vista tal-fatt li l-pieni applikabbli għall-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati, l-Avukat Ġenerali seta' jappella biss skond dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

**8.** Issa, l-appellat ġie akkużat bi ksur ta' provvedimenti taħt l-Avviż Legali 128/1997 u l-Avviż Legali 337/2001. Dawn iż-żewġ Avviżi Legali jipprovdu għad-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali fis-segwenti termini:

<u>Regolament 24(3) ta' l-Avviż Legali 128/1997</u>

> "Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem jedd li jagħmel appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti rigward reati bi ksur ta' dawn ir-regolamenti."

<u>Regolament 28(3) ta' l-Avviż Legali 337/2001</u>

> "Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell Quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti."

**9.** Issir referenza wkoll għall-artikolu 94(6) tal-Kap. 504 li jipprovdi għad-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali. Dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

> "Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appelli Kriminali minn kull sentenza mogħtija f'proċedimenti li jirriżultaw minn dan l-Att jew minn regolamenti, regoli jew ordnijiet magħmulin taħtu."

**10.** Huwa għalhekk ċar illi l-Avukat Ġenerali kellu dritt ta' appell u konsegwentement l-eċċezzjoni mqajma mid-difiża ma tistax tirnexxi u qed tiġi miċħuda.

**11.** Kwistjoni oħra mqajma mid-difiża hi li xi dikjarazzjonjiet li setgħu saru mill-appellat għandhom jiġu skartati wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016. Din il-kwistjoni diġa` ġiet deċiża favorevolment diversi drabi.[1] Pero` f'dan il-każ ma ssibx applikabilita` peress illi mill-provi ma tirriżulta l-ebda stqarrija jew dikjarazzjoni ta' l-appellat.

**9.** Id-difiża qajmet ukoll il-punt li l-appellat ma ġie qatt identifikat fil-Qorti u lanqas ma nġabet prova li l-barriera kienet ta' l-appellat. F'dan l-istadju din il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. U tibda biex tosserva illi jidher li l-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq dak li xehed il-Perit Joe Bugeja. Iżda l-Perit Bugeja xehed fir-rigward ta' rimi fil-baħar ta' skart provenjenti mill-Freeport. Ix-xiehda tiegħu fil-fatt kienet rilevanti fir-rigward ta' kawżi oħra li kienu qegħdin jinstemgħu kontestwalment mill-ewwel Qorti fejn l-appellat odjern kien wieħed mill-imputati. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċiedi kif għamlet a bażi tax-xiehda tal-Perit Bugeja. Tosserva wkoll li mhux ix-xiehda kollha traskritta li tinsab fil-proċess hija rilevanti għall-każ odjern. Din il-Qorti sejra għalhekk tissintetiżża dik ix-xiehda li hi rilevanti.

**10.** Fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2008 quddiem l-ewwel Qorti xehdet Aimee Brincat, *environment protection officer* ma' l-allura MEPA fil-*Pollution Control Unit*, li esebiet Dok. AM konsistenti f'numru ta' ritratti li ħadet tal-barriera tas-Sienja. Hija xehdet li fis-17 ta' Awwissu 2005 u l-ġranet ta' wara għamlu spezzjoni ta' l-imsemmija barriera fejn innutaw li kien intrema skart li mhuwiex *inert*. Qalet li l-kuntrattur responsabbli għall-*infilling* kien Eco Waste Radam u ntbagħtet ittra sabiex jitneħħa l-materjal mill-qiegħ tal-barriera u ssir applikazzjoni għal permess. Ingħata perijodu ta' ħmistax iżda waqt spezzjoni fil-31 ta' Awwissu ma kien inbidel xejn. Għalhekk inħareġ *stop order* fis-16 ta' Settembru 2005 u *letter to prosecute*. Ir-radam baqa' għaddej u sat-28 ta' Frar 2006 il-barriera kienet *totally landfilled*. Sal-ġurnata li kienet qed tixhed kien għadu ma nħareġ l-ebda permess ambjentali. Ix-xhud, fuq mistoqsija tal-Qorti, qalet li l-barriera hija ta' terza persuna u "jkun hemm kuntratti bejn *private owner* u Eco Waste *to infill*". Fuq mistoqsija tal-Qorti għaliex ma tressaqx sid il-barriera, ix-xhud wieġbet li meta hi tara kontravvenzjoni, twaqqaf lil min ikun qiegħed jikser il-liġi. Skond ix-xhud, permessi simili qabel dejjem ħarġu fuq Polidano Brothers o.b.o. Eco Waste Radam.

[1] Ara per eżempju: Appelli Kriminali **The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1st December 2016; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ramon Fenech**, 23 ta' Frar 2017; **Il-Pulizija v. Doreen Cassar**, 22 ta' Marzu 2017; **Il-Pulizija v. Mark Zahra**, 26 ta' April 2017.

**11.** Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010 quddiem l-ewwel Qorti xehed Mark O'Neil, ukoll e*nvironmental officer* ma' l-allura MEPA fuq Waste Management Permits u permessi ambjentali. Huwa qal li l-appellat kellu numru ta' permessi biex jordom barrieri iżda kien hemm oħrajn fejn permess ma nħariġx. Waħda minn dawn il-barrieri kienet dik tas-Sienja fejn kien hemm biss applikazzjoni u l-proċess kien pendenti għax kienu qegħdin jistennew informazzjoni li kienu talbu mingħand l-appellat permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2005; kienu talbu numru ta' kummenti fuq il-*working plan* li kien ġie sottomess. L-applikazzjoni kienet relatata ma' permess tal-bini tal-*planning*. Skond it-traskrizzjoni tax-xiehda, l-ittra msemmija ġiet esebita u mmarkata bħala Dok. MN. Fl-atti, pero`, m'hemm l-ebda tali dokument. Skond l-istess traskrizzjoni, l-ewwel Qorti osservat li hija għandha bżonn tkun taf "ir-raġuni il-għaliex iddeċidejtu illi din il-barriera l-imputat huwa responsabbli għaliha, jiġifieri dak irid joħroġ mill-*file* tagħkom; darb'oħra ġibu l-*file* tagħkom ħalli nara jekk kemm-il darba din il-prova...." Iżda fis-seduti sussegwenti ma ġie prodott l-ebda *file*.

**12.** Fl-istess seduta reġgħet xehdet Aimee Brincat li qalet li b'referenza għal xi kuntratt bejn Eco Ways u l-akkużat (probabilment hawn riedet tirreferi għal sid il-barriera u mhux għall-akkużat), hi tkellmet ma' l-uffiċjal li kien ħa ħsieb. Qalet li din il-barriera hi parti minn serje ta' barrieri li kienu jirreferu għalihom bħala *package one*, u li kienu jieħdu materjal tal-kostruzzjoni fihom biex jimtlew. Il-kuntratt bejn l-applikant u sid il-barriera huwa kuntratt privat u l-MEPA ma tidħolx fiha. Fix-xiehda qalet li bagħtet email fejn saqsiet għall-kuntratt u rċeviet tweġiba li dak il-kuntratt kien wieħed privat bejn l-applikant u sid il-barriera. Qalet li r-rapport dwar il-barriera għamlu Johan Buttigieg. Skond ix-xiehda traskritta hi esebiet dik il-korrispondenza u r-rapport ta' l-imsemmi Johan Buttigieg. Din il-Qorti tosserva illi xejn minn din id-dokumentazzjoni ma' tirriżulta mill-proċess. Barra minn hekk il-prosekuzzjoni lanqas ma pproduċiet bħala xhud lill-awtur tar-rapport, l-imsemmi Johan Buttigieg.

**13.** Dan, mela huwa l-istat tal-provi tal-prosekuzzjoni. Minbarra n-nuqqas ta' dokumentazzjoni u l-fatt li ma ngabx jixhed Johan Buttigieg, hemm numru ieħor ta' nuqqasijiet. L-appellat ġie akkużat "għan-nom u in rappreżentanza ta' Eco Ways Radam Ltd". L-ewwel nett ma ngabet l-ebda prova li l-appellat hu fil-fatt direttur ta' soċjeta` b'dak l-isem. Imbagħad ix-xhud tal-prosekuzzjoni Aimee Brincat tidher li qed titfa dubju fuq l-isem meta fl-ewwel seduta li xehdet, skond it-traskrizzjoni, tidher li qed tirreferi għal kumpanija bl-isem "Eco Waste", filwaqt li fit-tieni seduta skond it-traskrizzjoni hi rapportata li qed tirreferi għal kumpanija bl-isem "Eco Ways". Inoltre din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni r-ritratti esebiti minn Aimee Brincat. L-ebda wieħed mit-trakkijiet/inġenji li jidhru f'uħud minn dawn ir-ritratti ma jġib l-isem tal-

kumpanija li in rappreżentanza tagħha, skond l-akkuża, l-appellat ġie akkużat. Anzi dawn l-inġenji ma jġibu l-ebda isem u ma nġabet l-ebda prova li huma ta' l-appellat. Mark O'Neil jgħid li kien hemm applikazzjoni pendenti iżda ma jgħidx f'isem min, ossia f'isem liema kumpanija. U n-nuqqas ta' produzzjoni ta' dokumentazzjoni ma jgħinx. Anke jekk stess għall-grazzja ta' l-argument biss l-applikazzjoni (li l-imsemmi xhud jgħid hi relatata ma' permess tal-bini tal-*planning*) hi mill-kumpanija Eco Ways, xorta ma hemm l-ebda prova li l-irdim kien qiegħed isir minn din il-kumpanija.

**14.** F'dawn iċ-ċirkostanzi l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ma jimmeritax akkoljiment u d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti li tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet kollha se tiġi konfermata iżda għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza u mhux dawk fis-sentenza appellata.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat Charles Polidano mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.